MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2009

Citazzjoni Numru. 291/2008

Anthony Cacciattolo u martu Maria Cacciattolo
vs
Joseph Messina u martu Elizabeth Messina

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**
Rat ir-rikors tar-rikorrenti li bih esponew:

1. Illi in forza ta’ kuntratt datat 29 ta’ Novembru 1977 in atti Nutar Dr. Paul Petit LL.D., l-attur rikorrenti xtara u akkwista l-fond ossia garage numru erbgha u tletin (34), High Street, Sliema.

2. Illi l-konvenut intimat qed jokkupa l-fond, ossia garage in kwistjoni minghajr ebda titolu validu fil-ligi.

3. Illi l-konvenut intimat gie interpellat sabiex jivvaka minn dan il-fond; madankollu, hu baqa’ inadempjenti, u

ghalhekk qed jokkupa l-fond in kwistjoni minghajr ebda titolu validu fil-ligi.

4. Illi fil-fehma ta' l-atturi rikorrenti, il-konvenut intimat m'ghandux eccezzjonijiet xi jressaq kontra t-talbiet ta' l-atturi rikorrenti.

Ir-rikorrenti talbu lill-Qorti:

1. Tiddeciedi skond it-talba bid-dispensa mis-smigh tal-kawza a tenur ta' l-artikolu 167 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Tordna lill-konvenut intimat sabiex jivvaka mill-fond, ossia garage numru erbgha u tletin (34), High Street, Sliema, u dan fi zmien qasir u perentorju li jigi stabbilit minn din il-Qorti, stante li l-istess konvenut intimat qed jokkupa dan il-fond minghajr ebda titolu validu fil-Ligi.

Bl-ispejjez, inkluz ta' l-ittra interpellatorja, kontra l-konvenut intimat ingunt ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda prezentata mir-rikorrenti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensur tar-rikorrenti.

Ikkunsidrat

**B. PROVI:**

Illi l-intimati debitament notifikati skond il-ligi ma dehrux ghas-seduta tal-lum u ma deher hadd ghalihom.

Xehed Anthony Cacciattolo, ir-rikorrent, u qal li l-garaxx in kwistjoni huwa proprjeta` tieghu u ta' martu. Zied jghid li minn meta fetah il-kawza 'l hawn qatt ma sema' xejn minghand l-intimati, li joqghodu bieb ma' bieb mieghu. Qal li l-garaxx qieghed bieb ma' bieb mieghu.

## C. KONKLUZJONIJIET:

Illi ghalhekk qed tiddeciedi l-kawza skond id-dispensa tas-smigh a tenur ta’ l-artikolu 167 tal-Kap 12 ghax gustifikata u peress li tirrizulta pruvata qed tilqaghha u qed tordna lill-intimat sabiex jivvaka mill-fond, ossia garage numru erbgha u tletin (34), High Street, Sliema, u dan fi zmien xaharejn mil-lum, stante li l-istess konvenut intimat qed jokkupa dan il-fond minghajr ebda titolu validu fil-Ligi.

Bl-ispejjez, inkluz ta’ l-ittra interpellatorja, kontra l-intimat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------